MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Mandat Numru. 1873/2013/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Numru 1873/2013 JZM fl-ismijiet :**

**L-Avukat Simon Galea Testaferrata (I.D. 468670M) ghan-nom u in rappresentanza ta` Samax Holdings Limited, socjeta` limitata inkorporata fil-British Virgin Islands bin-numru ta` registrazzjoni 1581566**

***kontra***

**David Farmer [ID Nru 68463(A)]**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li kien prezentat fl-10 ta` Dicembru 2013 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex –

*Tordna l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, jittrasferixxi jew mod iehor jiddisponi taht kwalsiasi titolu, kif ukoll milli jissoggetta jew johloq xi piz jew drittijiet ta` kull xorta, b`titolu oneruz jew gratwitu fuq id-dghajsa ossia dinghy ("rib") bin-numru ta` registrazzjoni S-18949 bl-isem ta` "Rio" u bl-insenja "Malta Rib Charters".*

Rat illi t-talba saret bhala konsegwenza tal-presentata ta` rikors guramentat fl-istess ismijiet li jgib in-Nru 1158/2013 JZM.

Rat illi kemm fir-rikors taht ezami, kif ukoll fir-rikors guramentat, ir-rikorrent qieghed jippretendi li l-intimat de proprio huwa debitur tieghu noe fl-ammont ta` **€63,889.72**, ghar-ragunijiet li huma spjegati u konfermati bil-gurament mir-rikorrent fiz-zewg atti.

Rat illi fir-rikors ghall-hrug tal-mandat, ir-rikorrent noe jikkontendi -bil-gurament - illi *d-dinghy (rib)* in kwistjoni huwa *l-uniku propjeta` (asset) li ghandu l-intimat. Jidher li ma hemm l-ebda propjeta` jew attiv iehor li jista` b`xi mod jaghmel tajjeb ghall-kreditu pretiz.*

Rat id-digriet taghha – anke jekk diversament presjeduta - tal-10 ta` Dicembru 2013 fejn laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, fejn ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat bi zmien sat-12 ta` Dicembru 2013 sabiex jipprezenta risposta, u fejn appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni ghall-udjenza tas-16 ta` Dicembru 2013 fil-11.15 a.m.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta` Jannar 2014, l-intimat ta ruhu b`notifikat bir-rikors promotorju.

Rat ir-risposta li l-intimat pprezenta fis-17 ta` Jannar 2014 fejn talab lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrent hall-hrug tal-mandat, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat in-nota li pprezenta r-rikorrent fit-28 ta` Jannar 2014 bix-xiehda bl-affidavit ta` Trevor Appleby.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet li r-rikorrent ipprezenta fit-28 ta` Jannar 2004.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tat-30 ta` Jannar 2014.

Rat id-digriet illi tat fl-udjenza tal-ahhar fejn halliet ir-rikors ghall-ghoti ta` provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat** :

Skond l-atti akkwiziti, huwa ben evidenti illi l-partijiet dahlu mill-ewwel fil-mertu tal-kwistjoni ta` bejniethom u cioe` min-naha wahda, ir-rikorrent noe, fejn ghar-ragunijiet li semma, jikkontendi illi l-intimat de proprio huwa debitur tieghu fl-ammont specifikat fir-rikors ghall-hrug tal-mandat (kif ukoll fir-rikors guramentat), u min-naha l-ohra, l-intimat li jirrespingi dik il-pretensjoni mhux daqstant fir-rigward tal-ammont pretiz izda ghar-raguni li jsostni illi mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrent noe.

Din il-Qorti tibda biex tghid illi **mhuwiex** il-kompitu taghha llum illi tghid jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti kif dedotta hijiex fondata nkella le **fil-mertu**. Dak l-accertament tkun trid taghmlu l-Qorti (li nzertat li sejra tkun propju *din* kif presjeduta) li trid tittratta *funditus* l-mertu tal-pretensjoni tar-rikorrent noe u d-difiza tal-intimat kontra dik il-pretensjoni.

Ir-rwol tal-Qorti fi procediment **<u>specjali</u>** bhal dak tal-lum huwa limitat li tistabilixxi jekk ir-rikorrent ghandux inkella le jedd *prima facie* kontra l-intimat – jedd *oggettiv* mhux *soggettiv.*

Fil-kaz tal-lum, fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, *din* il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent noe ghandu jedd *mad-daqqa t`ghajn* li javvanza l-pretensjoni tieghu kontra l-intimat.

**Il-Qorti trid taghmel car il-hsieb taghha fis-sens illi bil-fatt li tkun akkolta talba ghall-hrug tal-mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd vantat huwa ppruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi l-fatt li talba ghall-hrug tal-mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix. L-accertamenti ta` fatt u ta` dritt fil-mertu jrid jigu determinati mhux f`din is-sede izda band`ohra minhabba l-parametri li torbot bihom il-ligi stess lil din il-Qorti.**

Dan kollu premess, il-Qorti tkompli tirrileva illi r-rikorrent ghazel illi jitlob il-hrug tal-mandat abbazi tal-**<u>Art 874(1) tal-Kap 12</u>** li jaqra hekk –

*Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex izomm lid-debitur milli jbiegh, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tigi indikata fir-rikors b'titolu oneruz jew gratuwitu jew b'xi mod johloq piz jew drittijiet reali u, jew personali; izda dak il-mandat ma jghoddx ghall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skond ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.*

Il-Qorti tirrileva illi r-rikorrent ghandu kull jedd jikkawtelaw skond il-ligi l-kreditu li jippretendi li ghandu, bil-mod l-aktar idoneju u effettiv ghad-disposizzjoni tieghu. Fl-istess waqt, irid ikun dejjem preparat illi fil-parametri stabbiliti mil-ligi, jerfa` r-responsabilita` ta` l-agir tieghu.

Meqjus l-assjem ta` fatti u cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma illi l-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa gustifikat anke ghaliex it-talba tar-rikorrent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta` l-**Art 874 tal-Kap 12**.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda :**

**1) Tilqa` t-talba tar-rikorrent.**

**2) Konsegwentement qeghda tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimat sabiex la jbiegh, la jittrasferixxi, u lanqas b`xi mod jiddisponi, taht kwalsiasi titolu, kif ukoll milli jissoggetta jew johloq xi piz jew drittijiet ta` kull xorta b`titolu oneruz jew gratuwitu fuq id-dghajsa ossia dinghy ("rib") bin-numru ta` registrazzjoni S-18949, bl-isem ta` "Rio" u bl-insenja "Malta Rib Charters".**

**3) L-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------